**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** __________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 22 | 6 | 6 | 6 | 12 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ:

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:

### L-INTERNET



Illum il-parti l-kbira tat-tfal u ż-żgħażagħ jafu jużaw jew huma familjari ma' apparat elettroniku aktar mill-ġenituri tagħhom stess. Dawn iż-żgħażagħ twieldu fi żmien meta din it-teknoloġija saret parti integrali mill-ħajja ta' kuljum ta' kull wieħed u waħda minna. Waħda mill-aktar affarijiet importanti marbutin ma' l-użu tal-kompjuter hu l-internet. Dan huwa utli għall-istudenti li jkunu jridu jfittxu tagħrif dwar kull ħaġa li hawn fid-dinja. L-internet jagħti aċċess għal kuntatt ma' nies madwar id-dinja u għal baħar ta' informazzjoni li nistgħu nużaw kemm għall-istudju kif ukoll għall-ħin liberu. (*par.1*)

L-internet, iżda, jinkwieta u jħasseb lil dawk li mhumiex daqshekk familjari ma' l-użu tal-kompjuter. Ta' spiss jinstemgħu stejjer li jfakkru li l-internet joffri dinja wiesgħa u misterjuża li taf tkun perikoluża ħafna jekk wieħed ma jkunx infurmat tajjeb dwar kif jitħares minn dawn il-perikli. Perikli oħrajn jinsabu fiċ-*chat rooms* fejn it-tfal jistgħu jikkomunikaw ma' persuni anonimi li jkunu qegħdin ifittxu li jiksbu informazzjoni privata dwar it-tfal u l-familji tagħhom. (*par.2*)

Ma nistgħux, iżda, nikkundannaw l-internet daqslikieku huwa xi mostru. Ladarba ma jeżistix bord internazzjonali li jikkontrolla x'jitqiegħed fuq l-internet, huwa xogħol il-ġenituri u l-edukaturi li jipprovdu dan il-kontroll. Fl-iskejjel diġa` sar xogħol siewi fuq din il-ħaġa għaliex l-aċċess għall-internet huwa ffiltrat. B'hekk l-istudenti jistgħu jidħlu f'websajts tajbin għalihom, waqt li websajts oħrajn li jistgħu jkunu ta' ħsara huma mblukkati. Id-dar ukoll tista' ssir xi ħaġa simili fejn il-ġenituri jistgħu jimblukkaw websajts li mhumiex adattati. Dan jistgħu jagħmluh permezz ta' filtri u *passwords*. (*par.3*)

Dawn il-programmi, iżda, mhumiex perfetti mija fil-mija. Għaldaqstant ikun aħjar li kieku t-tfal jiġu mgħallma biex ma jgħaddux informazzjoni personali u ma jużawx *chat rooms*. Bi ftit attenzjoni mill-ġenituri u b'edukazzjoni korretta lit-tfal, l-internet jista' jkun ta' għajnuna kbira għal kull min jużah tajjeb u b'hekk jitnaqqsu l-biżgħat u r-riskju marbutin ma' din it-teknoloġija. (*par.4*)

(Addattament minn *Il-Biża' mill-Internet* - artiklu ta' Sandro Sciberras minn **Imsiebaħ -** Sajf, 2004)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Għaliex fl-ewwel paragrafu l-awtur jgħid li t-teknoloġija tal-kompjuter *saret parti integrali mill-ħajja ta' kuljum*? ____________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

2. Semmi vantaġġ **wieħed** ta’ użu tajjeb mill-internet. (*par.1*) ______________________________

______________________________________________________________________________ (1)

3. a) Semmi periklu li intom it-tfal tridu toqogħdu b’seba’ għajnejn għalih meta tużaw l-internet. (*par.2)* ______________________________________________________ (1)

   b) Għaliex? ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________ (1)

4. Min għandu r-responsabbiltà biex jara li intom it-tfal ma tiltaqgħux ma’ perikli waqt li tkunu qegħdin tużaw l-internet? (*par.3*) ________________________________________ (1)

5. X’inhu l-aħjar li tagħmlu intom it-tfal biex l-internet iservikom biss ta’ tagħlim u ta’ gost? (*par.4*) ________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Ikteb il-kelma mill-ewwel paragrafu li tgħid li t-tfal u ż-żgħażagħ huma midħla tat-teknoloġija.

______________________ (1)

2. Għal min qiegħda tirreferi l-kelma ***dawk*** fil-frażi: *jinkwieta u jħasseb lil **dawk***? (*par.2*)

______________________________________________________________________________ (1)

3. Fit-tielet paragrafu l-awtur jgħid li ma nistgħux ___________________ l-internet għalkemm dan joħloq xi biżgħat. (1)

4. Ikteb il-frażi mir-raba’ paragrafu li tgħid li, minkejja li l-internet jista’ jkun ikkontrollat, xorta xi programmi jistgħu jkunu ta’ periklu għaliex ________________________________________

______________________________________________________________________________ (1)

5. Mir-raba’ paragrafu, liema hija dik il-kelma fil-bidu ta’ sentenza li qiegħda torbot mal-ħsieb tas-sentenza ta’ qabel? ______________________ (1)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

1. Agħti kelma oħra jew frażi minflok dawk użati fis-silta.

   a) utli (*par.1*) ___________________ (1)

   b) jekk wieħed ma jkunx infurmat tajjeb (*par.2*) ___________________________________ (1)

2. Agħti l-oppost ta': ta' spiss (*par.2*) _______________ (1)

3. *ma jgħaddux* (*par.4*) tfisser:

ma jimxux ☐ ma jagħtux ☐ kisbu riżultat ħażin ☐ (1)

**(iii) SINTASSI/SENTENZA**

1. Ikteb is-sentenza mod ieħor.

*Ma nistgħux iżda nikkundannaw l-internet bħallikieku huwa xi mostru.* __________________

__________________________________________________________________________(1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

Wieġeb it-taħriġ grammatikali.

1. Mit-tieni paragrafu ikteb kelma li fiha:

a) l-artiklu waħdu - _____________________ (1)

b) l-artiklu magħqud ma' partiċella - _______________________ (1)

2. Oħroġ kelma minn dik fil-parentesi.

a) Mill-proġett tgħallimt kemm huwa _____________ (importanza) l-użu tal-kompjuter. (1)

b) Fir-_____________ (realiżmu) t-tfal jistgħu jitilfu ħafna ħin jilagħbu logħob bla siwi fuq il-kompjuter. (1)

3. Wieġeb skond kif mitlub.

a) Il-________________ (il-plural ta' **ġewnaħ**) ta' l-ajruplan huma kulur il-fidda. (1)

b) Serraħ l-________________ (l-għadd imtenni ta' **għajn**) tat-tifla billi ma tħallihiex taħdem il-ħin kollu fuq il-________________. (il-plural sħiħ ta' **kompjuter**) (2)

ċ) Aqleb fil-femminil.

Ir-raġel xiħ xtara televixin ġdid.___________________________________ (3)

4. Agħti l-komparattiv ta' l-aġġettiv fil-parentesi.

L-apparat tal-*Hi-Fi* tal-kuġini tiegħi huwa _______________(sabiħ) minn tiegħi. (1)

5. Agħti s-superlattiv assolut ta' l-aġġettiv fil-parentesi.

Oħti saret _______________________ (safra ħafna ħafna) meta ndunat li serqulha l-mobajl. (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (6 marki)

**Verbi Frażjali**

Agħżel il-partiċella t-tajba.

1. Simon u Kathleen studjaw ħafna biex jgħaddu _______________ (għall-, mill-, ta' l-) eżami tal-kompjuter. (1)

2. Iż-żewġt iħbieb għaddew _______ (għand, sa, minn) seħibhom u flimkien qagħdu jaraw vidjow id-dar tiegħu. (1)

**Qwiel u Idjomi**

3. a) Agħmel sing taħt il-qawl u l-idjomi użati fis-silta. (4)

   Il-manager għaddieha biż-żmien lil Jane meta din marret għall-intervista u semmietlu t-t*ypewriter*. "Dik ta' żmien in-nanna," qallha s-Sur Attard. "Illum kollox bil-kompjuter." Jane sellmet u telqet lejn darha. X'ħin qalet lil missierha dwar li aktarx ma jimpjegawhiex bil-ftit kwalifiki li kellha, il-missier qallha biex ma tinkwetax għax, "Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija."

   b) Fisser il-qawl użat f'din is-silta. - ____________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

F'madwar 50 kelma ikteb ittra lill-editur tal-ġurnal ***Il-Jum*** biex tikkummenta dwar jekk inti bħala student/a ssibx li l-kompjuter jaħlilekx ħafna ħin jew jekk jgħinekx fl-istudji tiegħek. Iffirma bħala Mario/Maria Borg.

17, Triq it-Torri,
Il-Ħamrun ĦMR 03

13 ta' Ġunju 2005

Is-Sur Joe Borg
Editur ta' *Il-Jum*
Triq il-Ġnien,
Valletta VLT 12

Sur editur,

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

Dejjem tiegħek,

____________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (6 marki)

Agħżel **tliet suġġetti** mil-lista, u ikteb **żewġ** eżempji dwar kull wieħed minnhom.

| |
|---|
| il-Wirt Arkitettoniku Malti, ir-Riti tal-Passaġġ, il-Poeżija Popolari Maltija, in-Narrattiva Popolari Maltija, il-Festi Maltin, il-Logħob Folkloristiku Malti, is-Snajja' Popolari. |

| SUĠĠETT | EŻEMPJU | EŻEMPJU |
|---|---|---|
| ______________ | ______________ | ______________ |
| ______________ | ______________ | ______________ |
| ______________ | ______________ | ______________ |

## F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA - NADRIET 1 (12-il marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet **kollha**.

**Il-Bikja tal-Buskett** ta' Oliver Friggieri

Dil-bikja smajt ġo qalbi
kif dħalt 'il ġewwa nett
u ntlift fil-ħdura siekta
tal-ġenna tal-Buskett.

1. X'inhija t-tema prinċipali ta' din il-poeżija? ________________________________ (1)
2. Il-poeżija hija ta' __________________. (lament, ferħ) (1)
3. X'tissejjaħ it-tixbiha *ġenna tal-Buskett*? __________________________ (1)
4. X'tissejjaħ it-tixbiha meta titkellem il-ħarruba? ____________________ (1)
5. Mis-silta ikteb iż-żewġ versi li qegħdin jirrimaw.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

6. F'madwar 25 kelma ikteb dwar dak li jrid iwassal Anton Buttigieg dwar l-ambjent Malti fil-poeżija *Il-Ħolma t'Alla*.

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________ (6)

7. Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista tat-taqsima **Aktar Nadriet Poetiċi** u wieġeb.

| |
|---|
| *Distanza* ta' Tarċisio Zarb, *Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa, *Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg, *Xita* ta' Mary Meylak |

Il-poeżija ________________________________ ta' ____________________________

għoġbitni għaliex _______________________________________________________ (1)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (20 marka)

❖ **Fra Martin u novelli oħra** ta' Ġużè Chetcuti

1. X'kien jismu qabel Fra Martin u x'kienet ir-relazzjoni bejnu u Dora?

   _______________________________________________________________ (2)

2. Fl-istorja *Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann* agħti r-raġuni għaliex Fidiel kien kiser saqajh u baqa' jimxi milwi għomru kollu. ________________________________________

   _______________________________________________________________ (1)

3. X'ġara lil Nenu fl-għeluq tan-novella *Sparar u Duħħan*? ______________________

   _______________________________________________________________ (1)

❖ **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

1. X'kienet turi s-santa taċ-ċikwejra li l-omm tat lil binha Ruben? _________________

   _______________________________________________________________ (1)

2. Għaliex fl-istorja *In-Niżla Tal-Ganċ* l-ajk ħares lejn l-irġiel u tbissmilhom? __________

   _______________________________________________________________

   _______________________________________________________________ (1)

3. X'kien jieħu gost jagħmel it-tifel tal-bidwi bil-ħamiem tal-barumbara, barra li kien jilgħab magħhom? ________________________________________________

   _______________________________________________________________ (1)

❖ **Stejjer tal-Linka** – Sedqa (4 marki)

Agħżel **WAĦDA** mill-kitbiet li studjajt mill-ktieb **Stejjer tal-Linka** u ikteb madwar 25 kelma dwar x'tgħallimt minnha.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

❖ **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra
Bil-mod u bil-lajma l-jiem għaddew wieħed wara l-ieħor. It-tfal qatt ma ħassewhom eċċitati daqs dawn l-aħħar ġranet. Anki Frankie kellu xi ħaġa tbeżżgħu u tikkonfondih…
John kien fis-seba' sema. Tgħidx kemm affarijiet beda jħejji għal magħhom. Donnhom kienu sejrin xi ġimgħa *camping* ma' l-i*Scouts.*

1. Ikteb il-kelma li turi l-emozzjoni tat-tfal. ________________________ (1)
2. Għaliex Frankie kien jinsab imbeżża' u kkonfondut? ___________________________ (1)
3. X'kienet l-avventura li għaliha kienu ppreparati t-tfal?________________________________
   ___________________________________________________________________________ (1)
4. F'madwar 60 kelma, irrakkonta l-ġrajja ta' meta t-tfal daħlu fiċ-ċpar sakemm ġew biex jitilqu lejn il-Belt.

   ___________________________________________________________________________
   ___________________________________________________________________________
   ___________________________________________________________________________
   ___________________________________________________________________________
   ___________________________________________________________________________
   ___________________________________________________________________________
   ___________________________________________________________________________ (6)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** u ikteb madwar 150 kelma fuq karta separata.

1. Dak in-nhar li nqata' d-dawl waqt Jum il-Premjazzjoni.
2. Immaġina li kont tgħix mitt sena ilu. Ikteb dwar kif taħseb li kont tgħix mingħajr il-mezzi teknoloġiċi ta' llum.
3. Il-*playstation* huwa ħela ta' ħin! Ikkummenta.
4. Jiena u tal-familja nqbadna bejn sema u ilma meta l-i*speedboat* li konna fuqha waqfitilna!
5. Kont qed tieħu pjaċir waqt il-festin ta' għeluq snin ħabibek/ħabibtek meta f'radda ta' salib kulħadd xamm riħa ta' ħruq. Ikteb dwar kif l-ambjent ta' ferħ tal-festin inbidel f'wieħed ta' dwejjaq meta beda jinħaraq l-ikel fil-forn.